**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-protezzjoni tal-investituri u s-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u pajjiżi terzi"**

(2015/C 332/06)

**Relatur: is-Sur Sandy BOYLE**

Fis-sessjoni plenarja tal-10 ta' Lulju 2014, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*"Il-protezzjoni tal-investituri u s-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u pajjiżi terzi."*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-28 ta' April 2015.

Matul il-508 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-27 u t-28 ta' Mejju 2015 (seduta tas-27 ta' Mejju), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'199 vot favur, 55 vot kontra u 30 astensjoni.

**Glossarju tat-taqsiriet użati f'din l-Opinjoni**

BIT – Bilateral Investment Treaty (Trattat ta' Investiment bilaterali)

CETA – Comprehensive Economic Trade Agreement (Kanada) (Ftehim Komprensiv ta' Kummerċ Ekonomiku mal-Kanada)

CFR – Charter of Fundamental Rights (Karta tad-Drittijiet Fundamentali)

CS – Civil Society (Soċjetà Ċivili)

CSO – Civil Society Organisation (Organizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili)

EC – European Commission (Kummissjoni Ewropea)

ECHR – European Convention on Human Rights (Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem)

ECT – Energy Charter Treaty (Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija)

ECJ – European Court of Justice (Qorti tal-Ġustizzja)

EP – European Parliament (Parlament Ewropew)

EU – European Union (Unjoni Ewropea)

FDI – Foreign Direct Investment (Investiment Dirett Barrani – IDB)

FTA – Free Trade Agreement (Ftehim ta' Kummerċ Ħieles)

ICSID – International Centre for Settlement of Investment Disputes (Ċentru Internazzjonali għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim ta' Investimenti)

IIA – International Investment Agreement (Ftehim Internazzjonali ta' Investiment)

INTA – European Parliament International Trade Committee (Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kummerċ Internazzjonali)

IP – Investor Protection (Protezzjoni għall-investituri)

ISDS – Investor State Dispute Settlement (Soluzzjoni tat-Tilwim bejn l-Istati u l-Investituri)

LSE – London School of Economics

MS – EU Member States (Stati Membri tal-UE)

NAFTA – North American Free Trade Agreement (Ftehim Nord-Amerikan għall-Kummerċ Ħieles)

OECD – Organisation of Economic Co-operation and Development (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi)

SME – Small and Medium sized Enterprise (Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju)

TBC – Transatlantic Business Council (Kunsill Kummerċjali Trans-Atlantiku)

TEU – Treaty of the European Union (Trattat dwar l-Unjoni Ewropea – TUE)

TFEU – Treaty on the Functioning of the European Union (Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE – TFUE)

TTIP – Transatlantic Trade and Investment Partnership (Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment)

UNCITRAL – United Nations Commission on International Trade Law (Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ)

UNCTAD – United Nations Conference on Trade and Development (Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp)

WTO-DSP – World Trade Organisation-Dispute Settlement Procedure (Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ – Proċedura għas-Soluzzjoni tat-Tilwim)

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

### Konklużjonijiet

1.1. L-IDB huwa kontributur importanti għat-tkabbir ekonomiku u l-investituri barranin għandu jkollhom protezzjoni globali kontra l-esproprjazzjoni diretta, ikunu ħielsa mid-diskriminazzjoni u jgawdu drittijiet ekwivalenti bħall-investituri domestiċi.

1.2. Id-dritt ta' Stat li jirregola fl-interess pubbliku huwa ta' importanza kbira u m'għandux jiġi mxekkel mid-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe IIA. Klawsola mhux ambigwa li tafferma dan id-dritt b'mod trasversali hija essenzjali.

1.3. L-ISDS m'għandhiex tgħolli l-istatus tal-kapital transnazzjonali għal-livell ta' Stat sovran jew tippermetti l-investituri barranin li jikkontestaw id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw u jiddeterminaw l-affarijiet tagħhom stess.

1.4. Maż-żmien, għadd ta' abbużi rriżultaw mill-użu tal-ISDS u dawn issa jridu jiġu indirizzati. In-nuqqasijiet sistemiċi li jirriżultaw mit-tħaddim tal-ISDS jinkludu l-opaċità, in-nuqqas ta' regoli ċari ta' arbitraġġ, in-nuqqas ta' dritt ta' appell, diskriminazzjoni kontra l-investituri domestiċi li ma jistgħux jużaw is-sistema, il-biża' li investimenti purament spekulattivi huma protetti, li fost oħrajn m'għandhomx l-effett ta' ħolqien ta' impjiegi, u l-biża' ta' sfruttar minn uffiċċji legali speċjalizzati. L-għan issa huwa li tiġi proposta proċedura ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim fl-interess tar-rikonċiljazzjoni tat-talbiet leġittimi tal-investituri mal-preokkupazzjonijiet ta' partijiet oħra tas-soċjetà ċivili relatati ma' tali perċezzjonijiet negattivi tal-ISDS.

Il-konsultazzjoni tal-KE dwar l-ISDS fit-TTIP enfasizzat b'mod ċar id-diviżjoni bejn il-fehmiet tal-komunità tan-negozju b'mod ġenerali u dawk fil-biċċa l-kbira tat-tweġibiet mill-bqija tas-soċjetà ċivili.

1.5. Hemm tħassib dwar is-setgħat investiti f'bord ta' tliet avukati privati li jaġġudikaw u jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti f'oqsma ta' interess pubbliku fundamentali. Minkejja l-fatt li dan l-aħħar l-UNCITRAL adottat regoli ġodda dwar it-trasparenza għad hemm it-tħassib li ħafna mis-sistema attwali hija nieqsa mit-trasparenza u m'hemm l-ebda dritt ta' appell.

1.6. Il-kunċett oriġinali wara l-ISDS ilu li spiċċa. Din issa saret mezz ta' qligħ kbir għal għadd żgħir ta' ditti ta' avukati li jispeċjalizzaw fl-investiment, li jiddominaw is-settur.

1.7. Ċerti ditti ta' avukati speċjalisti issa qed jippromovu l-ISDS bħala għodda importanti għall-mitigazzjoni tar-riskju bil-quddiem meta jsiru l-investimenti. F'xi kawżi prominenti, hija saret għodda ta' lobbjar fejn anke t-theddida ta' litigazzjoni toħloq biża' regolatorja li tiskoraġġixxi l-leġislaturi milli jsegwu politiki ta' interess pubbliku leġittimu. Hemm ukoll tħassib li din attirat investiment spekulattiv minn fondi ħeġġ, eċċ.

1.8. Għadd ta' interpretazzjonijiet liberali dwar x'jikkostitwixxi l-esproprjazzjoni wasslu għal tħassib dejjem ikbar li l-kontribwenti tat-taxxa huma obbligati jikkumpensaw għall-politiki ta' interess pubbliku, li allegatament jillimitaw il-profitti.

1.9. Il-Ftehim tal-UE mal-Kanada (is-CETA), iffirmat lejn l-aħħar tal-2014, flimkien mal-kapitolu dwar l-investiment separat li ddaħħal fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Singapore, jinkludu l-ewwel kapitoli ta' investiment li l-UE qatt innegozjat fi kwalunkwe ftehim mindu l-UE ngħatat il-kompetenza għall-investiment taħt it-Trattat ta' Lisbona fl-2009. Għalkemm dawn il-kapitoli huma intiżi biex itejbu s-sistema attwali tal-ISDS, kif ukoll li jistabbilixxu mudell tal-UE, li l-KE tgħid huwa tal-ogħla livell għall-ISDS, dawn huma ferm anqas minn dak meħtieġ biex jittaffew il-biżgħat taċ-ċittadini. Il-mudell f'Singapore u s-CETA mhumiex identiċi u fil-fehma ta' ħafna, l-ISDS għadha proċess żbilanċjat, jiswa ħafna flus, ixekkel id-demokrazija, m'għandu l-ebda dritt ta' appell u jhedded id-dritt ta' gvern li jirregola, peress li jagħti lill-investituri barranin drittijiet lil hinn minn dawn imnaqqxa fil-kostituzzjonijiet nazzjonali u ogħla minn dawk li jgawdu l-investituri domestiċi. Il-KESE jinsab imħasseb meta josserva li t-test tas-CETA dwar l-ISDS attwalment huwa l-bażi għan-negozjati fil-qafas tal-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u l-Ġappun.

1.10. L-iskambju tar-rwoli bejn l-arbitri u l-avukati jirrappreżenta sitwazzjoni ċara ta' kunflitt ta' interess li s-CETA mhux qed jindirizza. Dan jafferma mill-ġdid il-fehma li l-ISDS mhijiex metodu ġust, indipendenti jew bilanċjat għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment.

1.11. Il-KESE jilqa' l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-ISDS fit-TTIP. B'kuntrast mas-CETA, dan għen biex in-negozjati tat-TTIP isiru aktar trasparenti u jistabbilixxi preċedent importanti li l-Kumitat jemmen bis-sħiħ għandu jiġi segwit fin-negozjati kummerċjali futuri kollha. Ir-reazzjoni tal-KE kienet li tidentifika erba' oqsma partikolari għal riflessjoni aktar dettaljata u filwaqt li l-KESE ma jqisx li din hija lista li tinkludi kollox, huwa pprovda kontribut dettaljat dwar dawn il-kwistjonijiet speċifiċi fil-Kapitoli 7 sa 10 ta' din l-Opinjoni.

1.12. Il-KESE jilqa' l-objettiv tal-KE li telimina *"stqarrijiet frivoli"* minn kwalunkwe mekkaniżmu futur tal-protezzjoni tal-investitur. Huwa importanti li l-partijiet għal kwalunkwe IIA jkollhom il-protezzjoni ta' filtru politiku ġenerali li jippermettilhom bi ftehim li jimblokkaw talba milli tipproċedi għall-arbitraġġ.

1.13. L-investituri għandhom ikunu mħeġġa jqisu s-soluzzjoni tat-tilwim ibbażata fuq it-Trattati bħala l-aħħar soluzzjoni u li jfittxu metodi alternattivi bħall-konċiljazzjoni u l-medjazzjoni. L-assigurazzjoni privata u l-protezzjoni bbażata fuq il-kuntratti huma mezzi adatti li bihom l-investituri barranin jistgħu jimminimizzaw ir-riskju tagħhom.

1.14. Il-ħtieġa għall-protezzjoni tal-IDB tvarja minn pajjiż għal ieħor. F'pajjiżi b'sistema legali matura li taħdem b'mod demokratiku, ħielsa mill-korruzzjoni, it-tilwim dwar l-investiment għandu jiġi ttrattat permezz tal-medjazzjoni, il-qrati domestiċi u s-soluzzjoni bejn l-Istati. Dawn il-komponenti jeżistu fl-UE, l-Istati Uniti u l-Kanada u l-livelli għolja attwali ta' flussi ta' investiment trans-Atlantiku juru b'mod ċert li n-nuqqas ta' ISDS ma għandux ifixkel l-investiment. Għalhekk, il-KESE jikkonkludi li m'hemmx bżonn dispożizzjoni tal-ISDS fit-TTIP jew is-CETA u huwa kontra l-inklużjoni ta' tali dipożizzjoni.

1.15. L-ISDS għandha l-potenzjal li twaqqaf ħesrem kemm it-TTIP kif ukoll is-CETA. Il-KE trid tqis jekk it-triq li tkompli ssegwi dan il-għan politikament sensittiv u pubblikament mhux popolari hijiex għaqlija u tajba.

1.16. Hemm messaġġ ċar mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li l-ISDS hija mekkaniżmu inaċċettabbli li se jkun hemm reżistenza qawwija għalih minn għadd dejjem jiżdied ta' atturi globali importanti. Jekk sistema alternattiva ma tinstabx, ser isir aktar diffiċli biex l-IP tiġi inkorporata fi ftehimiet futuri ma' pajjiżi fejn hija l-aktar meħtieġa.

1.17. Hemm preokkupazzjonijiet legali konsiderevoli relatati mat-Trattati tal-UE u l-kostituzzjoni rigward ir-rabtiet bejn id-deċiżjonijiet tal-ISDS u l-ordni legali tal-UE. Il-qrati tal-arbitraġġ privat għandhom il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet li ma jikkonformawx mal-liġi tal-UE jew jiksru l-QKR (Qafas Komuni ta' Riferiment). Għal din ir-raġuni, il-KESE jħoss li huwa assolutament kruċjali li l-konformità tal-ISDS mal-liġi tal-UE tiġi verifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedura formali biex tintalab opinjoni, qabel ma l-istituzzjonijiet kompetenti jilħqu deċiżjoni u qabel id-dħul fis-seħħ provviżorju ta' kwalunkwe IIA, negozjat mill-KE.

**Rakkomandazzjonijiet**

1.18. Jekk għandha tinstab soluzzjoni għat-tilwim dwar l-investiment, din ma tistax tkun ibbażata fuq tfassil mill-ġdid limitat tal-ISDS attwali, li għandha livell ta' appoġġ pubbliku ferm baxx.

1.19. Fi żmien meta l-Istati kollha tal-G7 huma involuti f'negozjati avvanzati dwar ftehimiet komprensivi ta' kummerċ u investiment hemm opportunità unika biex tinstab sistema kredibbli li tlaqqa' l-interessi leġittimi tal-investituri mad-drittijiet tal-Istat.

1.20. Jekk tintgħażel awtorità unitarja bħala t-triq 'il quddiem, din m'għandhiex tkun magħmula minn avukati privati u għandha tkun iktar aċċessibbi għall-SMEs u jkollha dritt ta' appell inkorporat fiha.

1.21. Il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra l-proposti tal-UNCTAD għar-riforma tal-ISDS u jikkonkludi li l-ħolqien ta' Qorti Internazzjonali tal-Investiment jipprovdi l-aħjar soluzzjoni li tiżgura sistema demokratika, ġusta, trasparenti u ekwitabbli.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Bl-adozzjoni tal-Opinjoni tiegħu, REX/390 ([1]), b'maġġoranza kbira ħafna, il-KESE ddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar l-ISDS. Għalkemm din ir-rakkomandazzjoni kienet speċifika għat-TTIP, sussegwentement inftiehem li l-mandat jitwessa' biex ikopri l-protezzjoni għall-investituri u l-ISDS fil-ftehimiet dwar il-kummerċ u l-investiment ma' pajjiżi terzi.

2.2. Għalkemm din l-Opinjoni teżamina l-implikazzjonijiet ġenerali tal-ISDS, huwa inevitabbli li ħafna mill-materjal użat u r-referenzi li saru jirrigwardaw it-TTIP. Kemm ilhom għaddejjin in-negozjati tat-TTIP, l-ISDS ilha kwistjoni dominanti għall-partijiet interessati tal-UE u tal-Istati Uniti.

2.3. Il-KE organizzat konsultazzjoni pubblika onlajn tul 15-il ġimgħa (minn Marzu sa Lulju 2014) dwar l-ISDS fit-TTIP. Il-KESE kien tal-fehma li jkun għaqli li jistenna l-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' din il-konsultazzjoni u li jorganizza seduta pubblika sussegwenti qabel ma jiffinalizza l-Opinjoni tiegħu. Ir-riżultati ġew ippubblikati f'nofs Jannar 2015 u dan ġie segwit minn seduta fit-3 ta' Frar 2015. It-tnejn kienu ta' għajnuna kbira fit-tfassil ta' din l-Opinjoni.

## 3. **Kuntest**

### 3.1. ***Is-sistema***

3.1.1. L-ISDS hija strument tal-liġi pubblika internazzjonali li jagħti lill-investitur barrani d-dritt li jibda proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim kontra gvern barrani skont it-termini ta' IIA. It-Trattati huma mfassla biex joħolqu xi obbligi bażiċi tal-partijiet rigward l-investiment barrani, billi jipprovdu garanziji li l-gvernijiet ser jirrispettaw prinċipji ewlenin bħal

— obbligu tan-nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità u li jiġi żgurat trattament ġust u ekwu,

— projbizzjoni ta' esproprjazzjoni diretta jew indiretta mingħajr kumpens fil-ħin, adegwat u protettiv,

— protezzjoni tal-possibbiltà ta' trasferiment ta' kapital.

3.1.2. Fil-każ ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dawn l-obbligi minn Stat, l-investituri barranin koperti mill-IIA jistgħu jressqu talba għal arbitraġġ internazzjonali permezz tal-mekkaniżmu tal-ISDS. L-applikanti huma meħtieġa jagħtu prova li l-miżuri inkwistjoni kkawżawlhom dannu sinifikanti. Jekk il-kawża tiġi milqugħa, il-pajjiż ospitant huwa obbligat li jagħti kumpens għad-dannu kkawżat. B'differenza mad-WTO DSP, jekk Stat jitlef kawża, ma jkunx marbut li jbiddel il-leġislazzjoni tiegħu.

3.1.3. L-ISDS hija bbażata fil-biċċa l-kbira fuq l-argument li tipprovdi spazju newtrali, mhux politiċizzat biex jissolva t-tilwim bejn investituri barranin u Stati ospitanti. Dan jgħin lill-kumpaniji biex iħarrku l-Istati fit-tribunali internazzjonali. Dan ir-rimedju huwa disponibbli biss għal korporazzjonijiet barranin jew korporazzjonijiet transnazzjonali li jużaw sussidjarji transkonfinali. Il-komunitajiet, iċ-ċittadini, l-intraprendituri nazzjonali u l-gvernijiet affettwati ma jistgħux jagħmlu użu mill-istess mekkaniżmu.

3.1.4. L-arbitri mhumiex imħallfin permanenti b'awtorità pubblika bħal fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. It-tribunali huma magħmula minn tliet avukati privati li jiltaqgħu f'sessjonijiet bil-bibien magħluqa u li jinħatru fuq bażi *ad hoc*. Id-deċiżjoni tagħhom hija finali u ma tista' tkun soġġetta għall-ebda proċess ta' appell formali.

([1]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi kummerċjali u l-fehma tal-KESE dwar kooperazzjoni mtejba u ftehim ta' kummerċ ħieles eventwali bejn l-UE u l-Istati Uniti" (ĠU C 424, 26.11.2014, p. 9).

3.1.5. Jekk iż-żewġ partijiet litiganti jkunu jixtiequ, il-proċedimenti tal-ISDS jistgħu jinżammu kompletament kunfidenzjali, anke jekk it-tilwim jinvolvi kwistjonijiet ta' interess pubbliku. Għalkemm il-BIT standard tal-Istati Uniti jiffaċilita trasparenza akbar, f'ħafna ftehimiet attwali is-segretezza għadha teżisti. Ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-trasparenza ser itejbu l-pożizzjoni sostanzjalment jekk jiġu implimentati b'mod universali.

3.2. ***Fatti u statistika***

3.2.1. 93 % tal-BITs fihom dispożizzjoni tal-ISDS [2]. L-ISDS hija preżenti wkoll f'ċerti ftehimiet kummerċjali internazzjonali bħan-NAFTA u fi ftehimiet ta' investimenti internazzjonali bħall-ECT. Fl-2014, l-ECT qabeż lin-NAFTA bħala t-Trattat li ġie invokat l-aktar spiss [3].

3.2.2. L-Istati Membri kkonkludew iktar minn 1 400 BIT mis-snin ħamsin 'l hawn, li jirrappreżentaw madwar nofs it-total globali [4]. Fil-biċċa l-kbira kollha fihom dispożizzjonijiet simili dwar il-protezzjoni għall-investituri u l-ISDS. Ġie rappurtat li l-investituri tal-UE huma l-akbar utenti tal-ISDS globalment (50 % tal-kawżi kollha).

3.2.3. L-UE bħalissa qed tinnegozja t-TTIP mal-Istati Uniti, ftehim ta' kummerċ ħieles komprensiv mal-Ġappun u reċentement ikkonkludiet negozjati mal-Kanada. Dawn, aktar minn kwalunkwe kwistjoni oħra, xprunaw dibattitu pubbliku kbir dwar il-ħtieġa għal mekkaniżmu ISDS fi kwalunkwe kapitolu ta' investiment.

3.2.4. Hemm biss disa' Stati Membri tal-UE li għandhom BITs mal-Istati Uniti (il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja), seba' Stati Membri għandhom BIT mal-Kanada u l-ebda minnhom m'għandu trattat ta' dan it-tip mal-Ġappun. Dawn kollha seħħew qabel l-adeżjoni mal-UE.

3.2.5. L-ammont ta' IDB f'idejn investituri tal-Istati Uniti f'dawn id-disa' Stati Membri huma ekwivalenti għal 1 % tal-IDB totali tal-Istati Uniti fl-UE. F'termini ta' IDB endoġenu minn dawn l-Istati Membri lejn l-Istati Uniti, din iċ-ċifra hija biss 0,1 % tat-total tal-istokk ta' IDB fl-Istati Uniti [5].

3.3. ***Xogħol***

3.3.1. Il-kawżi tal-ISDS żdiedu b'mod drammatiku bejn l-2002 u l-2014 (58 fl-2013 u 42 fl-2014) [6] fejn in-numru ta' arbitraġġi bbażati fuq it-Trattat, laħqu 610 sa tmiem l-2014. Madankollu, peress li ħafna mill-fora ta' arbitraġġ ma jżommux reġistru pubbliku tat-talbiet, hu stmat li l-għadd totali ta' kawżi huwa ogħla.

3.3.2. Mit-356 kawża magħrufa li ġew konklużi, 25 % ġew solvuti favur l-investitur u 37 % favur l-Istat. It-termini speċifiċi ta' 28 % mill-kawżi baqgħu kunfidenzjali.

3.4. ***Ħin u spejjeż***

3.4.1. L-ispiża medja ta' kawża ta' arbitraġġ hija ta' $4 miljun għal kull parti, li madwar 82 % minnhom huma miżati legali [7]. Uħud jistgħu jieħdu ħafna snin biex jiġu konklużi.

3.4.2. Dawn l-ispejjeż għoljin wasslu biex jiżdied il-finanzjament ta' talbiet minn partijiet terzi. Billi jnaqqas ir-riskju finanzjarju għall-kumpaniji dan jikkontribwixxi għal żieda f'kawżi frivoli li għalihom l-Istati għadhom qed iġarrbu l-ispejjeż legali kollha. Il-KESE jopponi bil-qawwi l-investiment spekulattiv irrappurtat minn fondi spekulattivi f'ċerti każijiet speċifiċi tal-ISDS għal sehem fi kwalunkwe kumpens mogħti [8].

(2) OECD (2012) – *ISDS a scoping paper for the investment policy community.*
(3) UNCTAD — *Recent Trends in IIAs and ISDS- N°1*, Frar 2015 http://unctad.org/en/PublicationsLibrary/webdiaepcb2015d1_en.pdf
(4) Avviż li jakkumpanja l-konsultazzjoni pubblika dwar l-ISDS fit-TTIP.
(5) UNCTAD – Nota ta' Informazzjoni dwar l-ISDS dwar l-Istati Uniti u l-UE.
(6) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.
(7) E (SN/EP/6777), 10/12/2013.
(8) Ċentru ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew *"ISDS and prospects for reform"* http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2015/545736/EPRS_BRI(2015)545736_REV1_EN.pdf

4. **Il-każ favur l-ISDS**

4.1. Bl-eċċezzjoni tal-Irlanda, l-Istati Membri kollha għandhom l-ISDS fil-BITs. Hemm ukoll 190 BIT fi ħdan l-UE li jammontaw għal 16 % tal-kawżi kollha tal-ISDS magħrufa globalment.

4.2. Il-mandat ta' negozjar tal-KE approvat fl-2012 mis-27 Stat Membru ta' dak iż-żmien jinkludi l-objettiv li tinkiseb l-ISDS. Dak li hu previst huwa *"an effective and state of the art dispute settlement mechanism"* [mekkaniżmu effettiv u avvanzat għas-soluzzjoni tat-tilwim].

4.3. Il-pożizzjoni ([9]) tal-KE hi li l-ISDS hija:

— *għodda importanti għall-protezzjoni tal-investimenti u għalhekk għall-promozzjoni u l-iżgurar ta' tkabbir ekonomiku fl-UE,*

— *mod effettiv biex jiġu infurzati l-obbligi miftiehma mill-msieħba kummerċjali tagħna mal-investituri tagħna meta jiffirmaw it-trattati ta' investiment.*

4.4. Round Table dwar in-negozju organizzati mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE dwar it-TTIP ikkonkludiet f'dikjarazzjoni komuni ([10]) li: *"An international agreement such as TTIP should create the right conditions to attract a high level of future investment in the transatlantic market. [Ftehim internazzjonali bħat-TTIP għandu joħloq il-kundizzjonijiet it-tajba biex jattira livell għoli ta' investiment futur fis-suq trans-Atlantiku.] This includes granting ample access and non-discriminatory treatment for investors on both sides and improving the current framework for IP, including ISDS by making it more accessible to SMEs and striking a proper balance between investor rights, the right of states and local authorities to regulate in the public interest" [Dan jinkludi l-għoti ta' aċċess mifrux u trattament nondiskriminatorju għall-investituri fuq iż-żewġ naħat u t-titjib tal-qafas attwali għall-protezzjoni tal-investiment, inkluża l-ISDS billi ssir aktar aċċessibbli għall-SMEs u jinstab bilanċ xieraq bejn id-drittijiet tal-investitur, id-dritt tal-Istati u l-awtoritajiet lokali li jirregolaw fl-interess pubbliku*]. Jeħtieġ li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tat-TTIP li għandhom x'jaqsmu mal-ISDS bl-ebda mod ma jfixklu l-abbiltà tal-Istati Membri tal-UE li jilleġislaw fl-interess tal-popolazzjoni tagħhom; din il-ħtieġa ssemmiet ukoll fil-konklużjonijiet ta' laqgħa konġunta li saret f'Ġunju 2014 dwar it-tema tan-negozjati trans-Atlantiċi, mill-kategoriji tal-konsumaturi, l-ambjentalisti u l-bdiewa.

4.5. Il-ħtieġa għal mekkaniżmu tal-ISDS hija appoġġjata b'mod qawwi mill-komunitajiet tan-negozju fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku li jarawha bħala garanzija fundamentali għall-investimenti esoġeni u jirrakkomandaw li:

— tkun parti vitali ta' protezzjoni tal-investiment, li jipprovdi għal mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim newtrali u bbażat fuq il-fatti, b'regoli li jippromovu l-konformità u jipprevjenu azzjonijiet abużivi,

— dan jgħin biex jiġi stabbilit id-dritt tal-Istati li jirregolaw u d-dritt tal-investituri li jiġu protetti taħt il-liġi internazzjonali.

4.6. Jista' jitressaq l-argument ukoll li l-ISDS hija għodda li nirrikorru għaliha fl-aħħar istanza u tintuża biss f'każijiet estremi meta l-għażliet kollha jkunu fallew u li madwar 90 % tal-BIT qatt ma intużaw mill-investituri biex jippreżentaw kawża. Anke jekk l-ammont ta' IDB globali jisboq US $ 25 triljun, mill-1987 'l hawn kien hemm biss 500 kawża. L-għoti arbitrarju jipprevedi biss kumpens pekunjarju. L-arbitri ma għandhomx il-possibbiltà li jbiddlu leġislazzjoni jew miżuri adottati mill-Istati ([11]).

4.7. Il-komunità tan-negozju targumenta wkoll li sistema tal-ISDS moderna u li tiffunzjona hija wkoll importanti għall-SMEs, li ressqu 22 % tal-kawżi reġistrati madwar id-dinja ([12]).

4.8. Minkejja l-appelli mill-komunità tan-negozju għan-negozjati ta' ftehim ta' investiment liberali ([13]), huwa rikonoxxut li għandhom jittieħdu miżuri biex l-ISDS issir għodda iktar effettiva, moderna, prevedibbli trasparenti. Huwa jappoġġja definizzjonijiet aktar ċari ta' kunċetti importanti bħal "investitur/investiment", "trattament ġust u ekwu" u "esproprjazzjoni indiretta" ([14]).

([9]) EC – *Factsheet on ISDS – Paragraph 2* – 3/10/2013.
([10]) Round Table tal-KESE dwar in-negozju – Dikjarazzjoni komuni dwar it-TTIP, 16/12/2014.
([11]) BusinessEurope – *ISDS – Overview of BusinessEurope position* – Frar 2015.
([12]) Idem. *Eurochambres position paper – Views and priorities for the negotiations with the US for a TTIP*, 6/12/2013.
([13]) Transatlantic Business Council – *Comments of the TBC regarding the proposed TTIP*, 10/05/2013.
([14]) BusinessEurope: *TTIP – An Indispensable Tool to Protect Investors*, 2/05/2014. ISDS – *Overview of BusinessEurope position* – Frar 2015.

4.9. Minħabba l-profil għoli ħafna tat-TTIP, is-CETA u n-negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Ġappun, huwa argumentat li jekk ma jintlaħaqx ftehim negozjat f'każijiet bħal dawn ikun ta' detriment serju għall-prospettiva li tiġi negozjata dispożizzjoni tal-ISDS fi kwalunkwe BIT ieħor peress li kull ftehim ser ikollu impatt fuq oħrajn li jkunu previsti.

5. **Preokkupazzjonijiet u oppożizzjoni**

5.1. L-appoġġ għall-ISDS mhuwiex imtenni f'oqsma oħra ewlenin tas-soċjetà ċivili. Madankollu, hemm kunsens ġenerali li l-investituri esoġeni jeħtieġu protezzjoni mill-esproprjazzjoni diretta, li ma jiġux diskriminati u li jkollhom aċċess għall-istess possibbiltajiet miftuħa għall-investituri domestiċi.

5.2. Tlissnet oppożizzjoni trans-Atlantika qawwija mit-trejdjunjins, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, tal-ambjent u tas-saħħa pubblika.

5.3. It-tħassib ewlieni huwa li s-sistema tal-ISDS mhijiex adegwata u li tgħolli l-kapital transnazzjonali għal status legali ekwivalenti għal dak ta' Stat sovran. Madankollu, il-Kumitat jinnota li jekk żewġ pajjiżi jkunu jixtiequ jippromovu r-relazzjonijiet ekonomiċi bejniethom permezz ta' IIA, dawn iwiegħdu lil xulxin li jiggarantixxu ċerti livelli ta' trattament lill-investituri u l-investimenti mill-pajjiż l-ieħor.

5.4. Minn bidu modest, meta l-ISDS tfasslet biex tgħin l-IDB biex jakkwistaw kumpens għall-esproprjazzjoni diretta ta' proprjetà privata mill-gvernijiet nazzjonali f'nazzjonijiet li qed jiżviluppaw b'sistemi ta' qrati li bilkemm jaħdmu, hija żviluppat f'mekkaniżmu li:

— jibdel b'mod fundamentali l-bilanċ tal-poter bejn l-investituri, l-Istati u partijiet oħra kkonċernati,

— jagħti prijorità lid-drittijiet korporattivi fuq id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw u d-dritt sovran tan-nazzjonijiet li jiddeterminaw l-affarijiet tagħhom stess.

5.5. L-esproprjazzjoni espandiet biex tinkludi *miżuri ekwivalenti għall-esproprjazzjoni, u esproprjazzjoni indiretta u regolatorja*. L-effett li tħalla kien li jiġu permessi talbiet kontra kull miżura tal-Istat li tista' potenzjalment ikollha impatt fuq il-qligħ, qligħ futur jew stennija raġonevoli ta' qligħ, anke jekk il-politika jew il-miżura tkun ta' natura ġenerali u ma tapplikax għal investiment speċifiku.

5.6. Sentenzi mhux favorevoli mogħtija mill-qrati domestiċi ġew ikkontestati bħala "esproprjazzjonijiet" inkluż il-kawża ta' US$ 500 miljun mill-kumpanija kbira tal-farmaċewtiċi fl-Istati Uniti, Eli Lilly, kontra l-Kanada fejn ġie allegat li s-sentenzi tal-Qorti Federali dwar żewġ mediċini bi privattiva jiksru d-drittijiet tal-investituri tal-kumpanija. Dan huwa l-ewwel tentattiv minn kumpanija tal-farmaċewtiċi li għandha privattiva biex tuża l-privileġġi straordinarji provduti mill-ftehimiet kummerċjali tal-Istati Uniti bħala għodda biex jiġu promossi l-protezzjonijiet tal-privattivi tal-monopolji ([15]).

5.7. Id-ditti ta' avukati korporattivi speċjalizzati issa qed jagħtu parir u jisfruttaw kawżi li ftit li xejn għandhom x'jaqsmu mal-esproprjazzjoni tal-proprjetà privata. Għadd żgħir ta' ditti ta' avukati speċjalizzati fl-investiment sfruttaw l-isplużjoni ta' litigazzjoni u qed jiddominaw is-settur.

5.8. ***L-ISDS hija fil-fatt meħtieġa fit-TTIP?***

5.8.1. Fit-TTIP, diffiċli li wieħed jargumenta li l-investituri għandhom għalfejn jinkwetaw dwar is-sistemi legali domestiċi. Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti għandhom sistemi legali maturi u robusti. Ma hemm l-ebda raġuni ovvja għalfejn d-drittijiet tal-IDB ma jistgħux jiġu protetti b'mod adegwat bl-inkorporazzjoni ta' regola sempliċi ta' protezzjoni legali nondiskriminatorja u aċċess ugwali għall-qrati domestiċi. Argumenti simili jistgħu jiġu preżentati fil-każijiet tal-Kanada u l-Ġappun. Jekk jirriżulta li jkun diffiċli li jiġu infurzati d-drittijiet internazzjonali permezz ta' negozjati, medjazzjoni jew fil-qrati domestiċi f'dawn id-demokraziji żviluppati ħafna, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża primarjament permezz ta' riżoluzzjoni bejn l-Istati.

([15]) https://www.citizen.org/eli-lilly-investor-state-factsheet

5.8.2. Rapport mil-LSE li janalizza l-mudell BIT tal-2012 tal-Istati Uniti, sab li kien sinifikanti li f'ċerti oqsma l-BIT tal-Istati Uniti jmur lil hinn mil-liġi tar-Renju Unit. Għal dawn ir-raġunijiet u fid-dawl tal-iskala tal-investiment Amerikan fir-Renju Unit, aħna naħsbu li hemm riskju sinifikanti ta' dannu politiku għar-Renju Unit li jirriżulta mill-abbandun jew il-modifika ta' politiki preferuti futuri minħabba oġġezzjonijiet minn investituri tal-Istati Uniti fir-Renju Unit.

5.8.3. Mhuwiex kredibbli li nistqarru li n-nuqqas ta' mekkaniżmu ISDS huwa ta' xkiel għal investiment esoġenu. Il-volum ta' investiment esoġenu jvarja ħafna madwar l-UE. Xi Stati Membri tal-UE li għandhom proċeduri tal-ISDS fi Trattati Bilaterali fuq l-Investiment mal-Istati Uniti huma l-pajjiżi li jirċievu l-inqas investiment esoġenu mill-Istati Uniti:

— L-ammonti ta' IDB bejn l-Istati Uniti u l-UE bħalissa huma ta' iktar minn minn US$ 2,5 triljun (EUR 1,5 triljun) fuq kull naħa. Il-Belġju waħdu jgawdi minn livell ta' IDB mill-Istati Uniti erba' darbiet ogħla minn dak taċ-Ċina,

— Il-Brażil, l-akbar riċevitur tal-IDB fl-Amerka Latina, m'għandu l-ebda ftehimiet ta' investiment li fihom l-ISDS,

— L-Awstralja wriet li pajjiż jista' jeskludi b'mod kredibbli l-protezzjoni tal-investiment minn ftehim kummerċjali ma' pajjiż wieħed (l-Istati Uniti) u xorta jinkludih fi ftehim ma' pajjiż ieħor (il-Korea). M'hemm l-ebda raġuni għaliex l-UE ma tistax issegwi triq simili.

5.8.4. Huwa estremament dubjuż li l-assenza ta' mekkaniżmu tal-ISDS fit-TTIP iddgħajjef il-kapaċità tal-UE li tinkludi l-ISDS fi ftehimiet ta' investiment bilaterali u ftehimiet ta' investiment futuri ma' pajjiżi li mhumiex fl-OECD, bħaċ-Ċina. Iċ-Ċina diġà bniet netwerk intensiv ta' aktar minn 130 BIT (inkluż ma' 26 Stat Membru). Ix-xewqa taċ-Ċina li jintlaħaq ftehim hija b'saħħitha daqs fl-UE. Dak li huwa aktar dubjuż huwa jekk ikunx fl-interess tal-UE li tippermetti l-intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat Ċiniż, li huma essenzjalment parti mill-gvern Ċiniż, li jużaw l-ISDS sabiex jikkontestaw il-politika tal-gvern. Dan jippermetti li pajjiż barrani juża dak li suppost hu proċess kummerċjali biex jiġi involut f'sitwazzjoni li għandha tiġi solvuta permezz ta' negozjati u diplomazija.

5.8.5. Dokument dettaljat ippubblikat f'Marzu 2015 miċ-Ċentru għall-Istudji tal-Politiki Ewropej, iċ-Ċentru għar-Relazzjonijiet Trans-Atlantiċi u l-Università Johns Hopkins ikkonkluda li: "[…] l-inklużjoni ta' kapitolu dwar il-protezzjoni tal-investiment fit-TTIP akkumpanjata mill-ISDS x'aktarx ma tiġġenerax benefiċċji ekonomiċi jew politiċi sinifikanti għall-UE. L-analiżi tagħna tissuġġerixxi wkoll li l-inklużjoni ta' tali dispożizzjonijiet twassal għal spejjeż ekonomiċi u politiċi sinifikanti għall-UE. Filwaqt li huwa importanti li ma tiġix eżaġerata l-iskala tal-ispejjeż potenzjali, il-valutazzjoni ġenerali tagħna hi li huwa ferm probabbli li l-ispejjeż jisbqu kwalunkwe benefiċċju potenzjali għall-UE. Għaldaqstant, nissuġġerixxu li sakemm l-ISDS ma tkunx akkumpanjata minn konċessjonijiet konsiderevoli mill-Istati Uniti sabiex jiġu kkumpensati l-ispejjeż relatati mal-ISDS, ikun prudenti li l-UE tikkunsidra alternattivi" ([16]).

5.9. ***Ix-xena politika attwali***

5.9.1. L-Afrika t'Isfel, il-Bolivja, l-Ekwador, il-Venezwela u l-Indoneżja bdew jikkanċellaw jew jeliminaw gradwalment il-BITs eżistenti. Anke l-Indja, allegatament, qed tirrevedi t-trattati tagħha u fid-dawl tal-kawża ta' Philip Morris, l-Awstralja ħabbret li mhux ser taċċetta l-inklużjoni ta' klawsola tal-ISDS fl-ebda ftehim futur.

5.9.2. Il-Konferenza Nazzjonali tal-Leġislaturi, li tirrappreżenta l-50 korp parlamentari statali tal-Istati Uniti, ħabbret ([17]) li mhu ser tappoġġja l-ebda ftehim kummerċjali li jipprevedi soluzzjoni bejn Stat u investitur peress li dan ifixkel il-kapaċità tagħhom bħala leġislaturi sabiex jadottaw u jinfurzaw regoli ġusti u nondiskriminatorji li jipproteġu s-saħħa pubblika, is-sikurezza u l-benessri, jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u l-ħarsien tal-ambjent.

---

([16]) "Transatlantic Investment Treaty Protection", pubblikat simultanjament fis-siti tal-Internet tas-CEPS (www.ceps.eu) u s-CTR (http://transatlantic.sais-jhu.edu).

([17]) http://www.citizen.org/documents/State-Legislators-letter-on-Investor-State-and-TPP.pdf.

5.9.3. Qed tiżdied ukoll ir-reżistenza kontra l-ISDS fl-Ewropa fejn il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Greċja u Franza qed jixħtu d-dubju fuq id-drittijiet tal-investituri fit-TTIP.

5.9.4. Fil-PE diġà ngħataw it-twissijiet inizjali minn membri tal-Kumitat influwenti INTA, li appellaw biex l-ISDS titneħħa mit-TTIP.

5.9.5. Il-Kumitat tar-Reġjuni jwissi li l-ISDS bejn l-UE u l-Istati Uniti, li tevita l-qrati ordinarji, timplika riskju sinifikanti u għalhekk tista' titwarrab ([18]).

5.9.6. Dawn il-ħsibijiet jirriflettu dawk tan-numru kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej li jopponu l-ISDS fit-TTIP. Wieħed mill-punti ewlenin hu li jekk investitur jirrikorri għas-sistema legali domestika l-ewwel u jikseb sentenza finali, dak l-investitur xorta jista' jressaq talba quddiem tribunal tal-investiment. It-tribunal b'hekk isir il-ġudikant aħħari, li huwa meqjus bħala anatema għad-demokrazija.

## 6. **Il-konsultazzjoni pubblika tal-KE dwar il-protezzjoni għall-investituri u l-ISDS fit-TTIP**

6.1. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tniedi eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-ISDS fit-TTIP. Minbarra r-risottomissjonijiet duplikati, waslu 143 053 risposta, li juri l-livell ta' interess pubbliku. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ppubblikat f'Jannar 2015 jipprovdi analiżi komprensiva tal-kontenut u s-sustanza tar-rispons tal-pubbliku ([19]).

6.2. Il-konsultazzjoni kienet ibbażata fuq test ta' referenza bbażat fuq is-CETA. Sfortunatament dan l-abbozz ta' ftehim u dak mas-Singapor ma kinux soġġetti għal konsultazzjoni pubblika. Madankollu, il-fatt li s-CETA, li abbażi tiegħu ġew miftiehma n-negozjati, intuża bħala bażi għal konsultazzjoni pubblika wara li ġew iffirmati, wassal għal xi tħassib li l-konsultazzjoni pubblika kienet ftit iktar minn *fait accompli*, imfassla biex tapprova l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet ta' investiment proposti mill-UE. Dan il-biża' kien aggravat mill-fatt li d-dokument ta' konsultazzjoni kkonċentra fuq il-modalitajiet u ma kien fih l-ebda mistoqsija speċifika dwar il-prinċipju li l-ISDS jiddaħħal fit-TTIP. Madankollu, l-għan ta' din il-konsultazzjoni kien li tikkonsulta lill-partijiet interessati dwar modi kif tittejjeb l-ISDS fit-TTIP.

6.3. Il-konsultazzjoni żiedet ftit li xejn ġdid mal-għadd kbir ta' informazzjoni diġà disponibbli mid-dibattitu pubbliku onlajn attiv dwar l-ISDS. Madankollu, kien eżerċizzju estremament utli biex tinħoloq rabta bejn id-diversi punti tal-argument u biex is-soċjetà ċivili tingħata l-opportunità li tagħti kontribut dirett.

6.4. Hija ħasra li xi elementi li jappoġġjaw l-ISDS injoraw 97 % mit-tweġibiet sottomessi kollettivament permezz ta' diversi pjattaformi onlajn. Is-sottomissjonijiet kollettivi huma parti leġittima mill-konsultazzjoni pubblika. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-assigurazzjoni tal-KE li t-tweġibiet kollha ġew ikkunsidrati fuq bażi ugwali.

6.5. Il-KESE jinnota li inqas minn 1 % ta' dawk li wieġbu ddikjaraw li huma investituri fl-Istati Uniti, iżda ma jqisx li din hija kwistjoni ta' tħassib. Dwar kwistjonijiet bħalma huma d-demokrazija u d-drittijiet sovrani tal-Istati li jiddeterminaw l-affarijiet tagħhom stess, il-kontribut b'bażi mifruxa u l-fehma tas-soċjetà ċivili huma ingredjenti essenzjali u vitali.

6.6. Ġew identifikati erba' oqsma mill-KE fejn għandu jiġi kkunsidrat li jsir titjib addizzjonali:

— il-protezzjoni tad-dritt tar-regolazzjoni,

— il-ħolqien u t-tħaddim tat-tribunali tal-arbitraġġ,

— ir-relazzjoni bejn is-sistemi ġudizzjarji domestiċi u l-ISDS,

— l-eżami tad-deċiżjonijiet tal-ISDS permezz ta' mekkaniżmu ta' appell.

---

([18]) CoR – TTIP – ECOS–V-063 02/15.

([19]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/january/tradoc_153044.pdf

Dawn ġew amplifikati fid-dokument ta' riflessjoni "*Investment in TTIP and beyond – the path for reform*" (L-investiment fit-TTIP u lil hinn minnha – it-triq lejn ir-riforma), li l-Kummissarju Malmström ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Mejju 2015.

6.7. Il-KESE huwa sorpriż li fil-laqgħa ta' Djalogu tas-Soċjetà Ċivili tat-18 ta' Mejju, ġie kkonfermat li l-mudell ta' protezzjoni għall-investituri li bħalissa qed jintuża fin-negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġappun huwa dak maqbul fis-CETA. Billi l-Kummissarju, fid-dokument ta' kunċett tagħha "*L-Investiment fit-TTIP u lil hinn – it-triq għal riforma*", ippreżentat lill-PE fis-6 ta' Mejju, identifikat għadd ta' oqsma għal titjib ulterjuri tat-test tas-CETA, il-Kumitat huwa mħasseb li dan ikompli jifforma l-bażi għal negozjati ma' msieħba globali daqshekk importanti bħall-Ġappun.

## 7. **Id-dritt tar-regolamentazzjoni**

7.1. Il-KESE huwa mħasseb li s-sottomissjonijiet għall-konsultazzjoni pubblika mill-European Service Forum jappellaw biex l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet jitnaqqsu kemm jista' jkun u li l-KE tuża l-mandat ta' negozjar tagħha skont it-Trattat ta' Lisbona biex ittejjeb u ssaħħaħ u mhux li ddgħajjef l-ISDS. Dawn it-talbiet jinkludu klawsoli dwar in-nazzjon l-aktar iffavorit u klawsoli dwar it-trattament nazzjonali mhux kwalifikat, klawsola dwar it-trattament ġust u ekwitabbli mhux kwalifikat; klawsola ġenerali, l-ebda eċċezzjoni għal setturi partikolari, l-ebda mekkaniżmu ta' filtru u kumpens sħiħ għall-approprjazzjoni diretta u indiretta ([20]).

7.2. L-ISDS qed tintuża dejjem aktar biex jiġu evitati sistemi legali nazzjonali u minflok il-gvernijiet jiġu mħarrka fit-tribunali privati internazzjonali, fejn jintalbu kumpens mit-taxxi għal politiki ta' interess pubbliku li allegatament tillimita l-profitti. Dan huwa partikolarment prevalenti fl-oqsma tal-ħarsien tas-saħħa u tal-ambjent.

7.3. Kawżi prominenti reċenti saħħew l-oppożizzjoni kontra l-ISDS:

— Philip Morris kontra l-Awstralja fuq l-imballaġġ tal-pakketti tas-sigaretti bl-argument li dawn jiċħdu l-valur tal-investiment tiegħu f'marki kummerċjali u proprjetà intellettwali oħra.

— bl-użu tad-dispożizzjonijiet tal-ECT, Vattenfall qed ifittex aktar minn US$ 3,7 biljun mill-Ġermanja wara d-deċiżjoni tat-tneħħija gradwali tal-enerġija nukleari.

— Lone Pine v il-Kanada għal CAN $ 250 m wara li l-provinċja ta' Quebec imponiet moratorju fuq il-fratturazzjoni idrawlika minħabba preokkupazzjonijiet ambjentali.

— Veolia v l-Eġittu fuq id-deċiżjoni tiegħu biex tiżdied il-paga minima fuq il-bażi li se tagħmel ħsara lill-profitti tal-kumpanija.

— Il-Libja ġiet ikkundannata tħallas US$ 935 miljun lil kumpanija tal-Kuwajt għal profitti mitlufa minn opportunitajiet reali u ċerti li rriżultaw mill-kanċellazzjoni ta' proġett tat-turiżmu ([21]). L-investitur kien investa biss US$ 5 miljun fil-proġett u l-kostruzzjoni qatt ma nbdiet.

— Ir-Rumanija kienet ġiet imfittxija minn Micula għal investiment li kien għamel qabel dan il-pajjiż sar membru tal-UE fejn kien adotta inċentiv kummerċjali tal-gvern. Hekk kif kienet aderiet, sabiex tikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-Rumanija waqqfet il-programm ta' inċentivi tagħha. It-Tribunal ta kumpens ta' $116 000 flimkien mal-interessi (total stmat $250 000) minħabba li ma rrispettatx l-obbligi tagħha taħt il-BIT. Fl-2014, id-DĠ Kompetizzjoni serviet inibizzjoni lir-Rumanija fejn ordnat provviżorjament li ma tħallasx peress li jiġi kkunsidrat bħala għajnuna illegali mill-Istat. Minkejja dan, l-arbitri awtorizzaw lil Micula biex ifittxu kumpens quddiem il-Qrati tal-Istati Uniti, bl-użu ta' klawsola li tirreferi għall-Konvenzjoni ta' New York.

([20]) Tweġiba tal-ESF għall-konsultazzjoni pubblika tal-ISDS, 20/06/2014.
([21]) http://www.iisd.org/itn/2014/01/19/awards-and-decisions-14/

7.4. It-trattati dwar l-investiment jipprojbixxu kwalunkwe restrizzjoni fuq ir-ripatrijazzjoni ta' fondi jew profitti. Il-gvernijiet ma jistgħux jimponu kontrolli fuq il-kapital biex iwaqqfu l-attakki fuq il-muniti tagħhom jew jirrestrinġu l-flussi tal-*flus jikwu* (hot money) fi kriżi anki jekk l-FMI temmen li kontrolli bħal dawn huma miżura politika essenzjali. L-ebda Stat ma ntlaqat agħar mill-kawżi tal-ISDS mill-Arġentina, li kellha tħallas aktar minn US $500 miljun, wara d-deċiżjoni tagħha li tiddiżakoppja l-peso mid-dollaru Amerikan fl-2002.

7.5. L-esklużjonijiet għas-servizzi pubbliċi jeżistu taħt il-Kapitolu 11 tas-CETA (Kummerċ transkonfinali fis-servizzi) iżda m'hemm l-ebda eżenzjoni jew esklużjoni għalihom taħt il-Kapitolu 10 (Protezzjoni tal-Investiment). Fil-prinċipju, filwaqt li għandu jkun tajjeb li l-investituri jiġu protetti minn atti arbitrarji mill-awtoritajiet tal-Istat, id-definizzjoni ta' esproprjazzjoni u speċjalment esproprjazzjoni indiretta tqajjem tħassib dwar il-ħila tal-Istati sabiex iressqu ċerti attivitajiet attwalment provduti minn entitajiet kummerċjali lura fi provvediment mill-Istat għal raġunijiet leġittimi tal-politika pubblika. L-esproprjazzjoni taħt il-Kapitolu 10 tinkludi kwalunkwe leġislazzjoni li għandha l-effett li tnaqqas il-valur tan-negozji privati. Il-kumpens għandu jirrifletti *"telf reali"*. Dan jista' jagħmilha ekonomikament projbittiv għall-Istati biex is-servizzi jerġgħu lura taħt provvediment mill-Istat.

7.6. Huwa rikonoxxut fis-CETA li d-definizzjoni ta' esproprjazzjoni indiretta hija ġenerali wisq u l-punt 3 tal-Anness X.11 ifittex li jiċċara dwar l-għanijiet tal-politika pubblika li ma jikkostitwux esproprjazzjoni indiretta bħas-saħħa, is-sigurtà jew l-ambjent. Hemm riskju, madankollu, li dan jista' jiġi interpretat bħala preskrittiv, u jħalli barra objettivi usa' ta' politika pubblika, bħalma huma l-politika ekonomika u l-politika fiskali jew ir-rinazzjonalizzazzjoni ta' servizzi ewlenin, miftuħa għal talbiet ta' esproprjazzjoni indiretta fi ħdan il-kuntest tal-ISDS. Huwa kruċjali li dan jiġi ċċarat.

7.7. Fit-tħabbira tal-pjani tagħha biex tipprevjeni lill-investituri milli jabbużaw l-ISDS, il-KE tiddikjara li fit-TTIP hija *"tixtieq tinkludi dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni ta' talbiet frivoli"* ([22]). L-abbozz tas-CETA jipprevedi wkoll proċedura mħaffa biex jiġu mċaħħda talbiet mingħajr bażi u frivoli. Madankollu, id-definizzjoni tat-terminu "frivolu" f'terminoloġija legali stretta ser tkun estremament diffiċli u għandha l-potenzjal li tipprovdi aktar opportunità għall-avukati speċjalizzati fl-investiment.

7.8. L-abbozz tas-CETA jipprevedi wkoll definizzjoni definita ta' "trattament ġust u ekwu". Dan huwa meqjus ġenerali wisq minn dawk li huma kontra l-ISDS u mhux flessibbli biżżejjed mill-komunità tan-negozju. Dan xorta jagħti l-flessibbiltà lit-tribunal biex jinterpreta b'mod flessibbli u m'għandux mekkaniżmu ta' reviżjoni flessibbli.

7.9. Is-sempliċi theddida ta' kawża taħt l-ISDS tista' toħloq biża' regolatorja li jiddiswadi lill-gvernijiet milli jirregolaw fl-interess pubbliku għax jibżgħu mil-litigazzjoni u l-ħlasijiet ta' penali li jirriżultaw minnha. Pereżempju, il-Gvern tan-New Zealand issospenda l-liġi tal-imballaġġ sempliċi tat-tabakk, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-kawża ta' Philip Morris kontra l-Awstralja.

7.10. F'memo mingħand id-ditta ta' avukati Freshfields Bruckhaus Deringer kitbu lill-klijenti multinazzjonali tagħha li – *"Businesses are now more attuned to the potential relevance of investment treaties, not only as a last ditch protection when things go wrong but also as an important up-front risk mitigation tool when entering into investments"* [In-negozji issa huma aktar konxji tar-rilevanza potenzjali tat-trattati ta' investiment, mhux biss bħala l-aħħar forma ta' protezzjoni meta l-affarijiet imorru ħażin, iżda wkoll bħala għodda ta' mitigazzjoni tar-riskju inizjali importanti meta jidħlu f'investimenti].

7.11. Għalkemm il-KE impenjat ruħha li tiżgura li taħt ftehimiet kummerċjali/ta' investiment futuri tal-UE Stat ma jistax jiġi mġiegħel jirrevoka miżura, dan jinjora l-impatt potenzjali tat-theddida ta' multa ta' ammont eżorbitanti ladarba tiġi sottomessa kawża ta' bosta biljuni ta' dollari.

7.12. L-abbozz tas-CETA jipprevedi wkoll li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu mill-parti litiganti li titlef. Dan ifisser li dawk li jippreżentaw talbiet frivoli jkunu mitluba jħallsu l-ispejjeż kollha. Madankollu, id-daqs enormi ta' ħafna mit-talbiet l-aktar reċenti ma jidhirx li ser jaġixxi bħala xkiel għal kumpaniji multinazzjonali u ditti legali speċjalizzati b'ħafna flus meta mkejla kontra l-qligħ potenzjali. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż medji ta' US$ 4 miljun għal kull parti għandhom jaġixxu bħala deterrent ewlieni biex l-SMEs ma jagħmlux talbiet taħt id-dispożizzjonijiet tal-ISDS.

([22]) Paġna ta' fatti tal-KE dwar l-ISDS, paragrafu 8, li nħarġet fit-3 ta' Ottubru 2013.

8. **Il-ħolqien u l-funzjonament tat-tribunali tal-arbitraġġ**

8.1. Is-sistema eżistenti hija spjegata fil-Kapitolu 3. Din hija kwistjoni ta' tħassib għal ħafna fil-konsultazzjoni.

Hemm qbil ġenerali li l-ISDS ma tistax tkompli fil-forma attwali tagħha.

8.2. ***Arbitri għall-investiment***

8.2.1. L-arbitri jintgħażlu għal kull kawża billi ż-żewġ partijiet jidentifikaw tagħhom u t-tnejn li huma għandhom jaqblu fuq it-tielet arbitru. Jekk ma jkunux jistgħu, id-deċiżjoni normalment tittieħed minn awtorità tal-ħatra. Dan huwa f'kuntrast mal-imħallfin nazzjonali li jiġu assenjati mingħajr kontribut mill-partijiet. Dawn tipikament jintgħażlu l-aktar mill-ICSID u l-UNCITRAL u jkunu membri tal-professjoni legali rispettati sew li jinkludu avukati, professuri u eks imħallfin. B'kuntrast mal-prattika tad-WTO, ma jidhirx li l-avukat difensur tal-ISDS jew in-negozjaturi tat-trattati ta' investiment tal-gvern ikunu ntgħażlu bħala arbitri f'kawżi li jinvolvu Stati oħra.

8.2.2. Kif jiddikjara l-Corporate Europe Observatory (CEO) ([23]), ħafna jkunu servew bħala avukati f'kawżi oħra: 50 % għall-investituri u 10 % għall-Istati. Dan it-tpartit tar-rwoli fost numru relattivament żgħir (15-il avukat servew bħala arbitru f'55 % tal-kawżi kollha) ([24]) xi drabi jitqies li jwassal għal solidarjetà korporattiva reċiproka li tista' twassal għal kompromessi mhux rakkomandabbli ([25]). Żieda fl-ikkontestar mill-parti opposta għall-arbitri proposti tindika tħassib dwar l-imparzjalità tal-ġabra tal-kandidati ([26]).

8.3. Huwa ċar li d-dispożizzjonijiet tas-CETA dwar l-għażla u l-kondotta ta' arbitri u l-kondotta tal-proċedimenti, għalkemm rikonoxxuti minn ħafna li jirrappreżentaw titjib f'xi oqsma, m'għandhomx bażi ta' appoġġ wiesa' fis-soċjetà ċivili. Hemm tħassib serju dwar il-ħolqien u l-funzjonament tat-tribunali tal-arbitraġġ:

— proposti mill-Istati biex jirregolaw fl-interess pubbliku xorta jistgħu jkunu soġġetti għal talba għal kumpens li tinstema' minn panil ta' tliet avukati privati.

— il-garanziji tal-kunflitti ta' interess huma dgħajfa u ftit jgħinu biex tittaffa l-biża' li dawn jistgħu' jiġu eliminati fi ħdan sistema tal-ISDS. L-Artikolu X. 25 tas-CETA jistabbilixxi li l-arbitri jridu jikkonformaw mal-linji gwida tal-International Bar Association dwar il-kunflitti ta' interess fl-arbitraġġ internazzjonali. Madankollu, dan ma jsolvix il-problema fundamentali ta' individwi speċifiċi li jservu bħala avukat u arbitru għall-istess parti f'kawżi differenti, li hija l-kwistjoni ewlenija fil-kunflitt ta' interess.

— L-abbozz tas-CETA jistabbilixxi li għandhom japplikaw ir-regoli ta' trasparenza tal-UNCITRAL għall-iżvelar tal-informazzjoni lill-pubbliku u li s-seduti għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku. Din l-għajnuna inizjalment attraenti għat-trasparenza tiddgħajjef sew minħabba l-fatt li t-Tribunal għandu diskrezzjoni wiesgħa sabiex jorganizza sessjonijiet bil-bibien magħluqa u li jżomm id-dokumenti.

([23]) Il-Corporate Europe Observatory (CEO) huwa grupp ta' riċerka u kampanji mingħajr skop ta' qligħ li jwettaq riċerka u jippubblika rapporti dwar attivitajiet ta' lobbying korporattiv fil-livell tal-UE (http://corporateeurope.org/).

([24]) EPRS – ISDS State of Play and Prospects for Reform 21.1.2014.

([25]) Dokument ta' Ħidma tal-OECD dwar L-Investiment Internazzjonali Nru 2012/3, pp. 44-45.

([26]) UNCTAD – *Reform of ISDS – In Search of a Roadmap – Issues Note No. 2,* June 2013, p. 4.

## 9. Ir-relazzjoni bejn is-sistemi ġudizzjarji domestiċi u l-ISDS

9.1. L-IDB bħalissa jgawdi d-dritt kważi uniku fejn individwu jista' jġib Stat għall-arbitraġġ taħt il-liġi internazzjonali. Il-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem tagħti drittijiet speċifiċi iżda, l-aktar biex ma jiġux evitati s-sistemi tal-qrati nazzjonali, l-individwi huma meħtieġa li jeżawrixxu r-rimedji lokali qabel ma tista' ssir talba quddiem qorti internazzjonali. Is-CETA ma teħtiġx l-eżawriment tar-rimedji lokali. L-investituri huma meħtieġa biss li jitolbu konsultazzjoni.

9.2. L-Istati Membri qajmu preokkupazzjonijiet ewlenin relatati mat-trattati u l-liġi kostituzzjonali dwar l-ISDS, kif huwa stabbilit fis-CETA u previst għat-TTIP ([27]). Il-proposti għal titjib tal-ISDS fil-BITs sal-lum ma naqqsux dan it-tħassib ([28]). Fil-politika tal-kummerċ tagħha (TFUE Art. 205 u 207) l-UE hija marbuta bil-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u standards legali oħra tal-UE.

Madankollu, fi ftehim ta' kummerċ bħas-CETA jew it-TTIP, fejn it-tilwim dwar l-investiment jiġi deċiż minn proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali li mhumiex marbuta bit-tali mod, ikun hemm il-possibbiltà li jintlaħqu deċiżjonijiet li ma jaqblux mal-liġi tal-UE (ara l-paragrafu 7.3 – Micula kontra r-Rumanija).

9.3. Din id-delegazzjoni tal-ġurisdizzjoni lill-qrati tal-arbitraġġ privat li mhumiex marbuta bi prinċipji tal-UE tista' ma tkunx koperta mit-Trattat ta' Lisbona u tista' tkun konsiderevolment ultra vires. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għamlet l-istabbiliment ta' tali ġurisdizzjoni internazzjonali kondizzjonali fuq il-fatt li ma jkun hemm l-ebda xkiel tal-prinċipju li jiġu rrispettati l-awtonomija tas-sistema legali tal-UE u t-tqassim tal-kompetenzi stabbilit mit-Trattati ([29]).

9.4. Peress li l-ISDS trid tiġi stabbilita fi ftehim imħallat hemm bżonn il-kunsens ta' kull wieħed mill-parlamenti tat-28 Stat Membru qabel id-dħul fis-seħħ (provviżorju). Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi rikonoxxut f'dak li għandu x'jaqsam mal-esklużjoni tal-qrati nazzjonali.

9.5. Għandu jiġi rikonoxxut li hemm tensjoni bejn il-liġi tal-UE u l-liġi internazzjonali, b'mod partikolari fejn il-monopolju tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ġurisdizzjoni huwa kkonċernat (Artikolu 19 tat-TUE u Art. 263 tat-TFUE u sussegwenti). L-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar l-adeżjoni tal-UE għall-KEDB ([30]) u l-approċċ tal-KE li jitlob għas-supremazija tal-liġi tal-UE fil-kawża Micula kontra r-Rumanija huma evidenza f'dan ir-rigward. L-Artikolu 14.16 tal-abbozz tas-CETA jiċħad l-effett dirett tas-CETA u jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim jiġu inkorporati fil-liġi tal-UE jew tal-Istati Membri sabiex jiġu invokati mill-investituri. Dan jikkomplika iktar ir-relazzjonijiet bejn l-ordni legali tal-UE u kawżi tal-ISDS deċiżi minn tribunali tal-arbitraġġ.

9.6. Fir-rigward tal-ħolqien tal-ewwel ISDS fi trattati ta' kummerċ ħieles tal-UE b'impatt dinji fuq l-Istati Membri u bosta ċittadini tal-UE, il-KESE huwa tal-fehma li huwa assolutament essenzjali li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-konformità mal-liġi tal-UE minn qabel. Dan huwa ta' importanza partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-valuri fundamentali tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, iżda wkoll fir-rigward tal-monopolju tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni legali u s-sussidjarjetà. Għalhekk, għandha tinkiseb opinjoni legali adatta u tiġi kkunsidrata qabel ma l-ftehim jidħol fis-seħħ, u wkoll qabel ma jidħol fis-seħħ b'mod provviżorju (Artikolu 218 tat-TFUE). F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li jekk is-CETA jidħol fis-seħħ, ikun fih klawsola ta' sopravivenza li fil-każ ta' kwalunkwe terminazzjoni jestendi d-dispożizzjonijiet għal 20 snin għall-investimenti magħmula qabel it-terminazzjoni.

([27]) Opinjoni legali: "Europa – und verfassungsrechtliche Vorgaben für das Comprehensive Economic and Trade Agreement der EU und Kanada (CETA)" [Dispożizzjonijiet tal-liġi Ewropea u dik kostituzzjonali għall-Ftehim Komprensiv Ekonomiku u Kummerċjali (CETA) bejn l-UE u l-Kanada] ta' Dr Andreas Fischer-Lescano, Bremen, Ottubru 2014; "Modalities for investment protection and Investor-State Dispute Settlement (ISDS) in TTIP from a trade union perspective" [Modalitajiet għall-protezzjoni tal-Investiment u s-Soluzzjoni tat-Tilwim bejn l-Investituri u l-Istat] ta' Dr Markus Krajewski, Università Friedrich-Alexander, Erlangen-Nürnberg, FES Ottubru 2014]; "Freihandelsabkommen, einige Anmerkungen zur Problemmatik der privaten Schiedsgerichtsbarkeit [Ftehimiet ta' kummerċ ħieles: xi kummenti dwar il-kwistjoni tal-arbitraġġ privat]" tal-Prof. Siegfried Broß, Rapport dwar il-kodeterminazzjoni (promozzjoni tal-kodeterminazzjoni) Nru 4, H.Böckler Stiftung, 2015.

([28]) "CETA: 'Verkaufte Demokratie'" (CETA: Id-demokrazija mibjugħa), Corporate Europe Observatory.

([29]) Qorti tal-Ġustizzja, Opinjoni 1/91 tal-14.12.1991 – EEA 1; Opinjoni 1/00 tat-18.4.2002 – ECAA; Opinjoni 1/09 tat-8.3.2011 – Qorti tal-Privattivi.

([30]) Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 2/13 tat-18.12.2013.

9.7. Hemm ħtieġa urġenti li l-KE tirrifletti dwar kif tittratta l-BITs eżistenti fi ħdan l-UE u l-BITs tal-Istati Membri tal-UE ma' pajjiżi terzi, speċjalment pajjiżi żviluppati, bħall-Istati Uniti u l-Kanada, li jinkludu mekkaniżmi tal-ISDS li m'għaddewx minn riforma u li jistgħu attwalment jintużaw biex jiġi kontestat id-dritt tal-Istat li jirregola u biex jinkisbu politiki leġittimi tal-Istat. Ħafna minn dawn il-ftehimiet jinkludu wkoll klawsoli ta' sopravivenza, li tikkomplika aktar il-proċess ta' terminazzjoni tagħhom.

## 10. **Mekkaniżmi ta' appell**

10.1. L-appoġġ mifrux min-naħa tas-soċjetà ċivili għal mekkaniżmu ta' appell kien evidenti fil-konsultazzjoni pubblika u ġie affermat mill-ġdid fis-Smigħ Pubbliku tal-KESE.

10.2. L-abbozz tas-CETA ma fih l-ebda sistema tal-appell. Madankollu, jiftaħ il-possibbiltà biex tinħoloq tali sistema. Is-CETA ma jipprevedix konsultazzjonijiet futuri dwar sistemi u modi tal-appell. Din il-prospettiva ta' "wegħdiet fiergħa" timminimizza l-importanza ta' din il-kwistjoni. Trid tinstab soluzzjoni urġenti.

10.3. Fil-prinċipju, deċiżjoni ta' għoti tat-Tribunal hija finali u huwa biss f'ċirkostanzi estremi li tista' ssir reviżjoni jew annullament ([31]). Dan huwa ferm inqas minn dak mistenni minn kwalunkwe sistema tal-qrati nazzjonali u ma jindirizzax il-preokkupazzjonijiet fundamentali espressi fil-Konsultazzjoni.

## 11. **Kif għandha tiġi riformata s-sistema tal-ISDS**

11.1. L-UNCTAD iddefinixxiet ħames għażliet għar-riforma tal-ISDS:

— L-adattament tas-sistemi attwali permezz ta' IIAs,

— Ir-restrizzjoni fuq l-aċċess tal-investituri għall-ISDS,

— Il-promozzjoni ta' soluzzjoni alternattiva tal-Istat (ASR),

— L-introduzzjoni ta' faċilità ta' appell,

— Il-ħolqien ta' qorti internazzjonali permanenti għall-investiment.

11.2. Il-KESE jqis li dawn l-għażliet jisthoqqilhom aktar konsiderazzjoni dettaljata. Il-KE ħadmet fuq l-ewwel erba' għażliet filwaqt li definixxiet approċċ ġdid lejn il-protezzjoni tal-investiment u l-ISDS fis-CETA u l-abbozzi ta' ftehimiet bejn l-UE u s-Singapor. L-eżerċizzju ta' konsultazzjoni wera li għad hemm preokkupazzjonijiet profondi. Il-Kumitat jikkunsidra li l-kunċett tal-ħolqien ta' qorti internazzjonali tal-investiment huwa l-aħjar pass 'il quddiem minħabba li dan ikun pass importanti biex tiġi żgurata l-leġittimità u t-trasparenza tas-sistema u twassal għal interpretazzjoni iktar konsistenti u preċiżjoni akbar tad-deċiżjonijiet. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-istqarrija li saret mill-Kummissarju għall-Kummerċ lill-INTA fit-18 ta' Marzu 2015 li: "Qorti multilaterali tkun tirrappreżenta użu ħafna iktar effiċjenti tar-riżorsi u jkollha leġittimità ikbar."

11.3. Madankollu, il-KESE ma jqisx li t-tmexxija ta' negozjati paralleli dwar l-ISDS fit-TTIP b'alternattiva li fit-terminu medju jkun hemm Qorti Internazzjonali tal-Investiment hija pass 'il quddiem vijabbli. Jekk jintlaħaq ftehim fi ħdan it-TTIP, kważi ċertament ser isir l-istandard tad-deheb u jfixkel kwalunkwe prospett biex jinkiseb l-appoġġ għal qorti internazzjonali. Il-pożizzjoni hija kkumplikata aktar mill-fatt li t-TTIP m'għandhiex korrelazzjoni awtomatika għas-CETA. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li n-negozjati dwar is-CETA ġew konklużi u m'hemm l-ebda garanzija li l-Gvern Kanadiż ser jaqbel li jinkorpora kwalunkwe bidla maqbula fit-TTIP.

([31]) Konvenzjoni ICSID Artikolu 52.

11.4. Bl-adozzjoni tal-istrateġija attwali, il-KE qed tiffaċċja l-prospettiva li l-ewwel tentattiv tagħha fin-negozjati dwar il-protezzjoni tal-investitur jista' jirriżulta fi tliet sistemi differenti li jkopru l-Istati Uniti, il-Kanada u s-Singapore. Min-naħa l-oħra, jekk il-Kummissjoni fil-fatt tipprovdi sistema uniformi, dan jista' jinkiseb biss wara negozjati ibsin ħafna. Il-KESE jemmen li mbagħad ikun kważi impossibbli biex jinkiseb l-appoġġ meħtieġ biex l-isforzi jiġu ffokati mill-ġdid lejn il-ħolqien ta' qorti internazzjonali.

11.5. Għalhekk, il-KESE jikkonkludi li b'parteċipanti globali ewlenin bħall-Istati Uniti, il-Kanada u l-Ġappun, ilkoll involuti f'taħditiet ġodda simultanji dwar il-kummerċ u l-investiment, teżisti opportunità unika biex tiġi segwita l-idea ta' qorti internazzjonali tal-investimenti. Barra minn hekk, il-Kumitat jemmen li dan jirrappreżenta wkoll l-aħjar opportunità biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn il-bżonn għal IP huwa possibbilment ħafna ikbar, jaslu biex jaċċettaw sistema globali ġdida.

Brussell, is-27 ta' Mejju 2015.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

*ANNESS*

**għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Il-kontroopinjoni li ġejja, li rċeviet mill-inqas kwart tal-voti mixħuta, inċaħdet matul id-diskussjoni:

**Ħassar it-test kollu tal-Opinjoni biex jiġi sostitwit kif ġej:**

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-Investiment Dirett Barrani (IDB) huwa kontributur importanti għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Il-kumpaniji li jinvestu f'pajjiż ieħor qegħdin *ipso facto* jieħdu riskju speċifiku, iżda l-kuntratturi barranin għandhom jiġu protetti kontra trattament sproporzjonat u abbużiv mill-istat ospitanti fejn investew, pereżempju permezz ta' esproprjazzjoni diretta, diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità u trattament inġust u mhux ugwali meta mqabbel mal-investituri domestiċi. Huwa importanti mekkaniżmu għat-tilwim li huwa newtrali. L-investimenti ta' sikwit huma fuq perijodu ta' żmien twil u ċ-ċirkostanzi politiċi fi Stati ospitanti jistgħu jinbidlu.

1.1.1. Ftehim Internazzjonali ta' Investiment (IIA) bejn żewġ Stati (jew reġjuni) jinvolvi l-liġi internazzjonali. Biex ikun effettiv dan jeħtieġ mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim li huwa effettiv, ibbilanċjat u internazzjonali.

1.1.2. Madankollu, f'ħafna mill-ftehimiet ta' investiment internazzjonali, il-mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim iressaq flimkien kumpaniji individwali u l-Istat ospitanti permezz tal-proċedura tas-Soluzzjoni tat-Tilwim bejn l-Istati u l-Investituri (ISDS) ([1]). L-ISDS hija ta' natura retroattiva. Kuntrarjament għall-Proċedura tas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO, jekk Stat jitlef każ il-ħlas tal-kumpens biss ikun involut. Ma hemmx bżonn li tiġi revokata l-leġislazzjoni rilevanti. L-investiment mhuwiex kompetenza tad-WTO wara li tneħħa mill-Aġenda taċ-Ċiklu ta' Doha fl-2003.

1.2. L-UE hija l-akbar fornitur u anke l-aktar riċevitur ta' investiment internazzjonali. L-investiment huwa ta' interess ewlieni għan-negozji tal-UE, inklużi l-SMEs. Għalhekk, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-pożizzjoni tal-Kummissjoni ([2]) li l-ISDS hija:

— Għodda importanti għall-protezzjoni tal-investimenti u għalhekk għall-promozzjoni u l-iżgurar tat-tkabbir ekonomiku fl-UE,

— Mod effettiv kif jiġu infurżati l-obbligi li l-imsieħba kummerċjali tagħna jaqblu fuqhom mal-investituri tagħhom meta jiffirmaw trattati ta' investiment.

1.2.1. Round Table dwar in-negozju organizzata mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE dwar is-Shubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) ikkonkludiet ([3]) li: "*An international agreement such as TTIP should create the right conditions to attract a high level of future investment in the transatlantic market.* [Ftehim internazzjonali bħat-TTIP għandu joħloq il-kundizzjonijiet it-tajba biex jattira livell għoli ta' investiment futur fis-suq trans-Atlantiku.] *This includes granting ample access and non-discriminatory treatment for investors on both sides and improving the current framework for IP, including ISDS by making it more accessible to SMEs and striking a proper balance between investor rights, the right of states and local authorities to regulate in the public interest*" [Dan jinkludi l-għoti ta' aċċess mifrux u trattament nondiskriminatorju għall-investituri fuq iż-żewġ naħat u t-titjib tal-qafas attwali għall-protezzjoni tal-investiment, inkluża l-ISDS billi ssir aktar aċċessibbli għall-SMEs u jinstab bilanċ xieraq bejn id-drittijiet tal-investitur, id-dritt tal-Istati u l-awtoritajiet lokali li jirregolaw fl-interess pubbliku].

---

([1]) Id-dispożizzjoni għall-ISDS tinsab f'madwar 93 % tal-aktar minn 3 250 ftehim ta' investiment internazzjonali iffirmati sal-lum, għalkemm il-proċedura intużat f'inqas minn 100, jiġifieri inqas minn 3 %.

([2]) EC – Factsheet on ISDS – Paragraph 2 – 3.10.2013.

([3]) Round Table tal-KESE dwar in-negozju – Dikjarazzjoni komuni dwar it-TTIP, 16.12.2014.

1.3. Il-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-UE u l-Kanada (CETA), li għad irid jiġi ratifikat, jinkludi kapitolu estensiv dwar il-protezzjoni tal-investimenti, inkluża d-dispożizzjoni għall-ISDS. Dan, flimkien mal-kapitolu dwar l-investiment fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Singapor ([1]), huwa l-ewwel ftehim ta' investiment negozjat mill-UE minn mindu kisbet kompetenza għall-investiment skont it-Trattat ta' Lisbona fl-2009. Dan ikkontribixxa ħafna biex jiġi indirizzat it-tħassib pendenti, iżda l-ISDS teħtieġ li tevolvi aktar.

1.4. Barra mill-prinċipju ta' "in-Nazzjon l-Aktar Iffavorit" (MFN), u l-kopertura normalment inkluża mill-Kummissjoni biex tittratta l-kumpens f'każijiet ta' gwerra, revoluzzjoni, eċċ., il-Kumitat iħeġġeġ biex il-protezzjoni tal-investitur taħt IIA, u għaldaqstant miftuħa għall-użu tal-ISDS, għandha tkunu limitata li tkopri l-erba' protezzjonijiet sostantivi, jiġifieri

— Ma ssirx diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità ta' investitur,

— Standard minimu ta' trattament, normalment deskritt bħala "ġust u ekwu",

— F'każ ta' esproprjazzjoni, kumpens bla dewmien, adatt u effettiv (li ma jkunx diskriminatorju u bil-proċess dovut),

— Jitħalla jsir trasferiment ta' fondi relatati mal-investiment.

1.5. Maż-żmien, irriżultaw għadd ta' abbużi reali jew perċeputi mill-użu tal-ISDS u dawn issa jridu jiġu indirizzati. L-ISDS jeħtieġ li tiġi aġġornata. Il-Kumitat jilqa' l-erba' oqsma għal aktar studju dwar il-protezzjoni tal-investiment u l-ISDS identifikati mill-Kummissjoni f'Jannar 2015 bħala riżultat tal-konsultazzjoni pubblika tagħha dwar il-protezzjoni tal-investiment u l-ISDS fit-TTIP, wara l-inklużjoni tiegħu fil-mandat għan-negozjati mogħtija b'mod unanimu mill-Istati Membri.

1.5.1. Dawn kienu jkopru:

— Il-protezzjoni tad-dritt tal-Istat li jirregola,

— Il-ħolqien u t-tħaddim tat-tribunali tal-arbitraġġ,

— L-eżami tad-deċiżjonijiet tal-ISDS permezz ta' mekkaniżmu ta' appell,

— Ir-relazzjoni bejn is-sistemi ġudizzjarji domestiċi u l-ISDS.

1.5.2. Il-Kumitat iqis il-protezzjoni dovuta tad-**dritt tal-Istat li jirregola** bħala essenzjali, u li kwalunkwe ambigwitajiet jitneħħew. Kif ġie ddikjarat fl-Opinjoni tal-Kumitat dwar it-TTIP ([2]), *"huwa essenzjali li kwalunkwe dispożizzjoni dwar is-soluzzjoni tat-tilwim proposta fit-TTIP ma tfixkilx il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jirregolaw fl-interess tal-pubbliku"*. Ftehimiet ta' investiment internazzjonali preċedenti kienu primarjament abbozzati skont il-ħtieġa li jiġu protetti l-investimenti. Kemm is-CETA u l-Ftehim mas-Singapor issikkaw id-definizzjonijiet ewlenin biex jiġu evitati interpretazzjonijiet mhux ġustifikati u jirreferu b'mod speċifiku fil-preambolu ta' kull ftehim għad-dritt tar-regolazzjoni. Il-KESE jemmen li dan għandu issa jiġi inkluż fil-korp tat-test rilevanti, bħala Artikolu speċifiku ta' kwalunkwe ftehim bħal dan.

1.5.3. Huwa essenzjali li **l-arbitri fuq it-tribunali tal-ISDS** ikunu kompletament imparzjali u ma jkunux miftuħa għal kunflitti ta' interess. Il-Kumitat iħeġġeġ li l-arbitri kollha għandhom jintgħażlu minn lista stabbilita minn qabel mill-Partijiet tal-ftehim rilevanti, u li jiġu stabbiliti kwalifiki ċari għal dan it-tip ta' arbitri, notevolment li huma kkwalifikati biex iwettqu funzjoni ġudizzjarja u taw prova li għandhom għarfien espert fl-oqsma rilevanti tal-liġi internazzjonali.

([1]) Barra minn hekk għad irid jiġi rratifikat, u soġġett għal kontestazzjoni legali fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar jekk huwa ftehim "imħallat" u għalhekk ikun jeħtieġ l-approvazzjoni mill-parlamenti tal-Istati Membri kollha.

([2]) Opinjoni tal-KESE dwar *Ir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi kummerċjali u l-fehma tal-KESE dwar kooperazzjoni mtejba u ftehim ta' kummerċ ħieles eventwali bejn l-UE u l-Istati Uniti* – 4 ta' Ġunju 2014 (ĠU C 424, 26.11.2014, p. 9).

1.5.4. Mekkaniżmu tal-Appell huwa wkoll essenzjali – proċess legali mingħajr dritt ta' appell huwa ġustament rari ħafna, għalkemm dan jeżisti fl-IIA attwali. Il-KESE jinnota li saret referenza għal mekkaniżmu tal-appell fid-direttivi ta' negozjati tat-TTIP oriġinali. It-tfassil ta' mekkaniżmu bħal dan se jkun ta' importanza kritika, inklużi l-metodi kif il-membri huma maħtura, il-kwalifiki tagħhom u r-remunerazzjoni, flimkien ma' kwalunkwe limitu ta' żmien li għandu jiġi applikat. Għandu jkopri żbalji ta' liġi u żbalji ta' fatt. Għandha tingħata kunsiderazzjoni bikrija dwar jekk mekkaniżmu bilaterali jistax isir b'mod multilaterali, forsi fuq il-mudell tal-Korp tal-Appell tad-WTO. Kwalunkwe mekkaniżmu bħal dan se jinvolvi spejjeż addizzjonali, iżda li għandhom jiġu kkunsidrati.

1.5.5. Ir-relazzjoni bejn l-**ISDS u s-sistemi ġudizzjarji domestiċi** se tkun iżjed diffiċli li tiġi solvuta. L-IIAs huma ftehimiet internazzjonali u l-qrati domestiċi mhux bil-fors għandhom il-kompetenza biex jinterpretaw kwistjonijiet ta' liġi internazzjonali. Anke l-aħjar sistema tista' tiżbalja, iżda ilmenti doppji għandhom jiġu pprojbiti. Il-partijiet potenzjali fil-kawża għandhom jew jagħmlu l-għażla finali fil-bidu tal-proċedimenti, jew jitilfu d-dritt li jirrikorru għall-qrati domestiċi hekk kif dawn jirrikorru għall-ISDS.

1.6. **Qorti internazzjonali** u multilaterali hija s-soluzzjoni aktar fit-tul. Din teħtieġ li tiġi żviluppata b'mod parallel mal-iżvilupp tal-ISDS fit-TTIP u fi bnadi oħra. Huwa imperattiv li xi forma ta' protezzjoni tal-investitur internazzjonali tibqa' filwaqt li tali korp internazzjonali qed jiġi nnegozjat u stabbilit.

1.6.1. Huwa importanti li tiġi żgurata massa kritika għall-istabbiliment ta' qorti internazzjonali bħala objettiv iktar fit-tul għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar investiment. L-aċċettazzjoni mifruxa ta' mekkaniżmu tal-appell internazzjonali bħal dan x'aktarx li tirriżulta mill-fatt li qed jiġi stabbilit permezz ta' kunsens, u għandu jittratta l-problemi potenzjali relatati li l-istituzzjonijiet internazzjonali, inkluża l-Qorti Kriminali Internazzjonali, jiffaċċjaw.

1.6.2. Il-KESE jwissi kontra s-suġġeriment li, billi l-membri kollha tal-"G7" huma attwalment involuti f'negozjati tal-IIA, dawn jibdew jiżviluppaw qorti internazzjonali huma stess b'mod separat. Il-massa kritika tista' tinkiseb biss jekk ikun hemm firxa ferm usa' ta' pajjiżi involuti mill-bidu, u li l-bieb jibqa' miftuħ biex jingħaqdu oħrajn kif u meta jkunu interessati.

1.6.3. Sadanittant, il-KESE jirrakkomanda lill-UE u lill-Istati Uniti biex jinvolvu ruħhom f'mekkaniżmu ta' soluzzjoni għat-tilwim bilaterali dwar l-investimenti fit-TTIP.

## 2. **Kuntest**

2.1. Il-Kumitat jinnota li jekk żewġ pajjiżi jkunu jixtiequ jippromovu r-relazzjonijiet ekonomiċi bejniethom permezz ta' Ftehim ta' Investiment Internazzjonali, dawn iwiegħdu lil xulxin li jiggarantixxu ċerti livelli ta' trattament lill-investituri u l-investimenti mill-pajjiż l-ieħor. Dawn il-wegħdiet, li l-pajjiżi jagħmlu minn jeddhom, imbagħad ikunu jridu jgħaddu mill-proċessi kollha ta' ratifika domestika. Dawn bl-ebda mod ma jagħtu prijorità lill-interess korporattiv fuq id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw b'dan il-mod. Madankollu, fl-interess tal-istat tad-dritt, il-gvernijiet għandhom jinżammu responsabbli għall-garanziji li jagħtu.

2.2. Il-Kumitat jirrikonoxxi li, għalkemm l-istati negozjaturi jfittxu li jinkludu dispożizzjonijiet biex jipproteġu l-intrapriżi tagħhom stess kontra azzjonijiet diskriminatorji ta' sħab kummerċjali, mhux realistiku li kumpanija li tiġi offiża tistenna li kwalunkwe tilwima għandha tiġi indirizzata awtomatikament fuq livell bejn stat u ieħor, biex b'hekk il-kwistjoni tgħaddi minn livell politiku għal wieħed diplomatiku.

2.2.1. Jekk il-kumpaniji jserrħu fuq l-UE biex tressaq tilwim għal-livell ta' Stat kontra Stat, huma ftit ħafna li jistgħu jiġu segwiti b'dal-mod, u jkun inqas probabbli li kumpaniji iżgħar isemmgħu leħinhom. Huwa improbabbli li jkun hemm ħafna każijiet bejn żewġ sistemi legali demokratiċi maturi, iżda jekk il-Proċedura ta' Soluzzjoni tat-Tilwim bejn Stat u ieħor kellha ssir in-norma, l-għadd ta' każijiet potenzjali jkun destinat li jiżdied, b'implikazzjonijiet kbar ta' riżorsi għall-Istati.

2.2.2. Bħalma indikat il-Kummissarju Malmström stess ([1]) b'rabta man-negozjati dwar it-TTIP, il-liġi internazzjonali ma tistax tiġi invokata fil-qrati tal-Istati Uniti, u l-ebda liġi tal-Istati Uniti tipprojbixxi d-diskriminazzjoni kontra l-investituri barranin. F'pajjiżi oħra, il-qrati nazzjonali jistgħu jkunu inqas affidabbli.

([1]) Parlament Ewropew, is-6 ta' Mejju.

2.2.3. L-investiment mhuwiex identiku għall-kummerċ. Fit-tilwim kummerċjali hija r-responsabbiltà tal-Istat li jieħu t-tmexxija. Dan it-tilwim x'aktarx jinvolvi klassi ta' produzzjoni, bħall-banana, il-pannelli solari jew it-tessuti: id-dumping huwa kwistjoni ewlenija tal-Proċedura ta' Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

## 3. **L-evoluzzjoni tal-ISDS**

3.1. Għalkemm l-għadd kumplessiv ta' każijiet tal-ISDS ([1]) jibqa' żgħir, l-użu tagħha kiber b'mod sostanzjali mill-2002 "l hawn. Dan huwa proporzjonat għaż-żieda globali tal-IDB, li globalment sal-2013 kien qabeż USD 25 triljun. L-investituri Ewropej nedew madwar 50 % tat-talbiet kollha mill-2002"l hawn. Numru sew ta' dawn tnedew minn kumpaniji iżgħar jew speċjalizzati ([2]). Huwa importanti li kwalunkwe proċedura tal-ISDS riformata għandha ssir aktar aċċessibbli għall-SMEs.

3.1.1. Mit-356 kawża magħrufa li ġew konklużi, 25 % ġew solvuti favur l-investitur u 37 % favur l-Istat. Għall-bqija waslu għal riżoluzzjoni ([3]).

3.2. Minħabba kwistjonijiet – kemm perċepiti kif ukoll fir-realtà – li jirriżultaw mill-eżitu ta' għadd ta' każijiet tal-ISDS madwar id-dinja, inkluż numru li għadhom għaddejjin, parti dejjem aktar notevoli tal-opinjoni pubblika fl-UE, immexxija mill-unions, l-NGOs u organizzazzjonijiet oħra, saret imħassba dwar l-użu tagħha, u qed tikber l-oppożizzjoni għall-kapitolu dwar l-investiment u l-ISDS fit-TTIP.

3.3. Mingħajr riforma tal-ISDS, u l-inklużjoni ta' Kapitolu dwar l-Investiment fit-TTIP, il-Kumitat jinnota li arranġamenti preċedenti kif misjuba f'1 400 Trattat Bilaterali ta' Investiment (BITs) innegozjati minn Stati Membri individwali (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda), u dawk b'mod partikolari li ntlaħqu minn disa' Stati Membri mal-Istati Uniti, ovvjament għadhom u jibqgħu validi.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

| | |
|---|---|
| Favur: | 94 |
| Kontra: | 191 |
| Astensjonijiet: | 25 |

---

([1]) 610 każ sa tmiem l-2014.

([2]) Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Stokkolma tirrapporta li minn madwar 100 kawża li ġew kompluti bejn l-2006 u l-2011, madwar 22 % kienu joriġinaw mill-SMEs; il-BDI rrapporta wkoll li madwar 30 % tal-kawżi li oriġinaw minn kumpaniji Ġermaniżi kienu mill-SMEs.

([3]) EC – Factsheet on ISDS, 3 ta' Ottubru 2013.